MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 1060/1996/1

**Il-Korporazzjoni Telemalta u b' nota tal-15 ta' Mejju 1998, l-atti gew assunti minn Maltacom p. l. c.**

**Vs**

**John Rizzo**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fid-29 ta' Marzu 1996 li bih il-Korporazzjoni attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi skond il-ftehim bejn il-kontendenti kif ukoll skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi moghtija mill-Korporazzjoni Telemalta, il-konvenut ghandu jaghti lill-attur *nomine* is-somma ta' Lm10716.33 (ghaxart elef seba' mija u sittax-il lira u tlieta u tletin centezmu)

bhala prezz ta servizz tat-*telephone* relattiv ghal-linja bin-numru 343633 u dan kif jidher mill-prospett esibit mac-citazzjoni, u

Premess illi interpellat sabiex ihallas il-konvenut baqa' inadempjenti

Talbet ghalhekk il-Korporazzjoni attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur *nomine* is-somma ta' Lm10716.33 dovuta minnu bhala prezz ta' servizz tat-telefon relattiv ghal-linja bin-numru 343633, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-5 ta' Gunju 1995 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess Korporazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut pprezentata fit-2 ta' Awissu 1996, li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Preliminarjament, il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni attrici;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-esponent, it-talbiet attrici huma kkontestati wkoll fuq il-meritu billi, kif ser jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-provi u trattazzjoni tal-kawza, l-esponent kien sa mill-5 ta' Gunju 1991 talab *transfer* jew kancellament ta' dan is-servizz. Ghalhekk il-ftehim premess fic-citazzjoni u li fuqu hija bbazata l-azzjoni attrici, gie tterminat fl-istess data;

3. Illi, in oltre, it-talbiet attrici qeghdin jigu kkontestati wkoll billi, kif ser jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-provi u trattazzjoni tal-kawza, dan is-servizz kien gie, jew qieghed jigi, uzat ukoll, wara l-imsemmija data tal-5 ta'

Gunju 1991, minn fergha f’ Tas-Sliema tal-Bank of Valletta Limited;

4. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, dan is-servizz telefoniku, ghalkemm irregistrat ufficjalment f’ isem l-esponent, effettivament kien gie uzat mill-esponent u certu Albert Critien, u ghalhekk kwalsiasi ammont semmai dovut lill-Korporazzjoni attrici mill-esponent huwa dovut ukoll mill-imsemmi terz illi tieghu l-esponent jitlob, ghall-fini ta’ l-ekonomija tal-gudizzju, il-kjamata in kawza fl-atti tal-proceduri odjerni;

5. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ Jannar 1998 li jindika li l-konvenut wara li ghamel referenza ghall-kopja ta’ l-ittra ufficcjali esebita mis-socjeta` attrici fit-12 ta’ Dicembru 1997, kien qieghed jirrinunzja ghall-ewwel eccezzjoni;

Rat id-digriet tas-17 ta’ Novembru 2003 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tigbor il-provi;

Rat l-affidavits esebiti u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat in-nota ta’ l-osservazzjonijiet tal-konvenutipprezentata fl-20 ta’ Dicembru 2004;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Il-kawza f’ din l-istanza tirrigwarda talba promossa mill-Korporazzjoni attrici ghal kundanna tal-konvenut tas-somma specifikata fic-citazzjoni.  Jinkombi ghalhekk b’ obbligu fuq il-Korporazzjoni li tipprova l-fatti premessi bhala bazi tad-dritt invokat minnha.  F’ dan ma hemm assolutament xejn gdid.  Hu difatti principju kardinali in materja ta’ provi illi biex jigi sostenut dritt pretiz, min hu gravat bl-oneru ghandu, fil-gudizzju, jipprova l-legittimita` u l-fondatezza tal-pretensjoni tieghu( “*actor incumbit probatio*”);

Jidher li l-provi f’ din il-kawza segwew dan il-binarju:-

(1) Sakemm xehed *viva voce* l-ewwel darba P. L. Noel Scerri, rapprezentant tal-Korporazzjoni fl-4 ta’ Lulju 2001 (fol. 37), wara li kien gja ntavola Affidavit (fol. 32), is-socjeta` attrici, subentrata ghall-Korporazzjoni, kienet waslet biex tipprova li l-konvenut kien applika u nghata s-servizz tal-linja tat-telefon Numru 343633.  Din l-applikazzjoni kienet saret fl-24 ta’ Mejju 1988 mill-konvenut personalment ghall-fond ta’ residenza tieghu f’ Ta’ Xbiex.  Ara dokument a fol. 64;

(2) L-istess socjeta` attrici kienet ipprovat ukoll illi fit-28 ta’ Novembru 1990 fuq rikjesta tal-konvenut il-linja tat-telefon imsemmija giet trasferita ghal fond gdid numru 30 Mrabat Street, Sliema.  Ara dokument esebit a fol. 33;

(3) Is-socjeta` attrici pprovat ukoll, bl-esebizzjoni ta’ prospett dettaljat (fol. 34) l-ammont reklamat minnha ghall-perijodu Settembru 1991 - Gunju 1993 dejjem in referenza ghal-linja telefonika *de qua*;

(4) Sa hawn allura l-grad tal-prova rikjest mis-socjeta` attrici gie milhuq.  Dan s’ intendi dejjem in kwantu jikkoncerna l-ewwel stadju tal-binarju;

Il-kawza pero` ma waqfetx hawn.  Il-konvenut ikkontrappona difiza artikolata fuq fatti diversi minn dawk

tal-bazi tad-domanda tas-socjeta` attrici. Dan ifisser li hu kien obbligat li jforni provi dimostrattivi, u f' sens sostanzjali, ta' l-eccezzjoni principali tieghu illi ghall-perijodu li tieghu kien qed jintalab minnu l-hlas huma ma kellux x' jaqsam mal-linja tat-telefon Numru 343633 mqeghda bhala bazi tat-talba attrici. Hawn jidhol it-tieni stadju tal-binarju;

Permezz tax-xhieda in kontro-ezami tar-rapprezentant imsemmi tas-socjeta` attrici u d-dokumenti minn dan prodotti, kif ukoll bl-Affidavit tieghu (fol. 71), il-konvenut irnexxielu jiddemostra s-segwenti:-

(i) Fis-16 ta' Mejju 1991 huwa applika biex is-servizz tat-telefon *de qua* jigi trasferit ghal fond 6 Vincent Dimech Street, Floriana. Ara dokument a fol. 66;

(ii) Jidher li din l-applikazzjoni sabet l-adezjoni tas-socjeta` attrici, b' dan li l-konvenut gie moghti linja gdida tat-telefon Numru 241928 u ghal finijiet tad-Direttorju din il-linja giet registrata f' isem is-socjeta` Sprint Link International Ltd. Dan hu evidenzjat mid-dokument a fol. 67. Effettivament dan in-numru l-gdid gie abbinat ma' l-imsemmija kumpanija. Ara estratt tad-Direttorju esebit a fol. 76;

(iii) Fid-29 ta' Marzu 1993 il-konvenut talab li din il-linja gdida tigi kancellata (fol. 68);

(iv) Gie ipprovat ukoll permezz ta' estratt tad-Direttorju ghas-sena 1992 (fol. 60) illi l-linja tat-telefon Numru 343633 giet rilokata lill-Fergha tal-Bank of Valletta, Preluna Towers, Ghar-id-Dud;

Mill-provi kollha premessi jemergi illi ghalkemm f' xi zmien il-konvenut kien l-utent maghruf tas-servizz tat-telefon b' dak in-numru (343633) u kellu rabta kontrattwali mas-socjeta` attrici, b' effett minn Mejju 1991 huwa ma baqax aktar l-utent ta' dik il-linja. Is-socjeta` attrici kienet informata b' dan tant li hi stess approvat li jsir it-*transfer* u

sahansitra kienet taf ukoll li assenajtlu linja tat-telefon b' numru gdid ghall-fond tal-Floriana. Manifestament ghalhekk il-konvenut ma setax ikompli jitqies mis-socjeta` attrici li kien baqa' s-*subscriber* taghha responsabbli ghall-kontijiet tat-telefon bin-numru 343633 wara Mejju 1991. Jekk is-socjeta` attrici ma hasbetx biex taghmel l-annotament debitu fil-*files* taghha ma ghandhiex hlief tlum lilha nnifisha izda ma tistax tippretendi li l-konvenut jibqa' responsabbli ghall-hlas ta' uzu tal-linja in kwistjoni li bhala fatt kien qed isir minn haddiehor, u dan kien, jew suppost kien, maghruf minnha. Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni biex takkolji d-domanda attrici li messha giet diretta kontra t-terz li effettivament kien qed jaghmel uzu minn dik il-linja telefonika.

Ghal dawn il-motivi:

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tiehu konjizzjoni tal-fatt illi l-konvenut kien irrinunzja ghall-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni (ara verbali a fol. 16 u fol. 20), u attiz l-akkoljiment ta' l-eccezzjonijiet fil-meritu, tichad it-talba tas-socjeta` attrici, bl-ispejjez gudizzjarji jigu sopportati minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------